ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2016**

**IR-RABA' SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________________** **Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SEBA' taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema.**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F | Taqsima G | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 16 | 11 | 12 | 15 | 12 | 20 | 100 |
| | | | | | | | |

**TAQSIMA A** **(14-il marka)**

**IR-RELIĠJON X'TISWA?**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numri 1 sa 4 fil-kolonna tan-nofs.** *(4 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Ir-Reliġjon Nisranija | | il-ġenna hija kontinwazzjoni ideali ta' din il-ħajja. |
| 2. | Il-Buddiżmu | | beda meta l-Arjani marru jgħammru fl-Indja. |
| 3. | L-Induwiżmu | | temmen li Ġesù qam mill-mewt wara tlett ijiem. |
| 4. | Fl-Iżlam | | jaf il-bidu tiegħu lil Siddharta Gautama. |

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata.** *(3 marki)*

5. In-Nisrani għandu jħares lejn reliġjonijiet oħra b'**r**____________________ .
6. Is-**s**____________________ hija twemmin bla bażi raġonevoli.
7. Il-**f**____________________ huwa meta wieħed jagħti importanza żejda, mingħajr raġuni, lil xi ħadd jew lil xi ħaġa.

**Imla l-vojt.** *(3 marki)*

8. Għall-Musulmani, il- ____________________ huwa l-ktieb qaddis.
9. Il-Lhud jiltaqgħu fis-sinagoga biex jitolbu kull nhar ta' ____________________.
10. Għalina l-Insara, il-____________________ hija l-Kelma t'Alla.

11. Għan-Nisrani, ir-reliġjon hija bħal pedament, mappa u fjuwil. F'madwar **sittin (60)** kelma spjega b'liema mod nistgħu nqabblu r-reliġjon ma' dawn it-tliet affarijiet. *(4 marki)*

**TAQSIMA B** **(16-il marka)**

**IL-KELMA TAL-MULEJ u ALLA LI JSALVA**

**Imla l-vojt biex is-sentenza tagħmel sens.** *(5 marki)*

1. Il-Bibbja fiha ____________________ ktieb.

2. Fit-Testment il-Qadim insibu____________________ ktieb u fit-Testment il-Ġdid insibu

____________________ ktieb.

3. Il-kotba tal-Bibbja nkitbu bil-____________________ u bil-____________________.

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi timla n-numri 4 sa 8 fil-kolonna tan-nofs.** *(5 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 4. | Abraham | | Kien it-tifel ta' Ġakobb u ġie mibjugħ minn ħutu lill-Eġizzjani. |
| 5. | Ġużeppi | | Mexxa l-poplu Lhudi lejn l-art imwiegħda wara Mosè. |
| 6. | Mosè | | Kien l-aqwa sultan li kellu l-poplu Lhudi. |
| 7. | Ġożwè | | Ġie msejjaħ minn Alla biex jitlaq art twelidu u jmur lejn art li kellu jurih Alla stess. |
| 8. | David | | Alla sejjaħlu minn siġra taqbad biex jeħles lill-poplu tiegħu mill-Eġittu. |

**Wieġeb.**

9. Semmi **żewġ** forom letterarji li nsibu fil-Bibbja.

(a)______________________________________________________________*(marka)*

(b)______________________________________________________________*(marka)*

10. Min hu l-awtur ewlieni tal-Bibbja?

______________________________________________________________*(marka)*

11. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu l-ġrajja tal-ħelsien tal-Lhud mill-Eġittu?

______________________________________________________________*(marka)*

12. Kif inti, bħala Nisrani/ja, tista' tuża l-Bibbja fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?

______________________________________________________________

______________________________________________________________*(2 marki)*

**TAQSIMA C** **(11-il marka)**

**FIL-BIDU**

**Aqra s-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



"Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ, u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar riħ ta' Alla... U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom. U berikhom Alla u qalilhom: "Nisslu u oktru u imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tjur tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art."

*(Adattata mill-Ktieb tal-Ġenesi 1, 1-2; 27-28)*

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** *(3 marki)*

1. L-istorja tal-ħolqien insibuha fil-ktieb tal-Ġenesi, l-**e**____________________ ktieb fil-Bibbja.
2. Bil-kelma **e**____________________ nifhmu kif il-ħolqien u l-bniedem inbidlu matul iż-żmien.
3. Alla poġġa lill-bniedem fil-quċċata tal-**ħ**____________________.

**Wieġeb.**

4. Semmi u spjega **żewġ** simboli li jissemmew fl-istorja tal-ħolqien tad-dinja. *(4 marki)*

| Simbolu | Tifsira |
|---|---|
| (a) | |
| (b) | |

5. Meta l-bniedem għamel id-dnub, ġab il-firda. F'madwar **sittin** (**60**) kelma semmi u spjega **tnejn** minn dawn il-firdiet. *(4 marki)*

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**TAQSIMA D** **(12-il marka)**

**LEJN ŻVILUPP SĦIĦ: ĠESÙ KRISTU**

**Wieġeb.**

1. Insibu diversi awturi u dokumenti li juruna li Ġesù kien jeżisti verament. Semmi:

   (a) awtur pagan ________________________________________ *(marka)*

   (b) dokument jew awtur Lhudi __________________________________ *(marka)*

   (c) dokument Nisrani ________________________________________ *(marka)*

2. Ġesù kellu sentimenti umani. Semmi **żewġ** ġrajjiet fejn jidhru dawn is-sentimenti ta' Ġesù.

   (a) ______________________________________________________ *(marka)*

   (b) ______________________________________________________ *(marka)*

3. Semmi **żewġ** kwalitajiet li fihom naraw lil Ġesù bħala Alla.

   (a) ______________________________________________________ *(marka)*

   (b) ______________________________________________________ *(marka)*

4. Liema tagħlim ħareġ mill-Konċilju ta' Niċea li fih ġie ddikjarat li Ġesù huwa kemm Alla kif ukoll bniedem?

   ________________________________________________________ *(marka)*

5. F'madwar **sittin (60)** kelma spjega kif inti, bħala żagħżugħ/a Nisrani/ja, tista' tixbah lil Ġesù f'ħajtek. Agħti **żewġ** eżempji biex turi kif tista' tagħmel dan. *(4 marki)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**TAQSIMA E** **(15-il marka)**

**FLIMKIEN: IL-KNISJA**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** *(3 marki)*

1. Nhar Għid il-____________________ Ġesù waqqaf il-Knisja.

2. Ġesù għażel lil San ____________________ bħala l-Kap tal-Knisja.

3. Illum is-suċċessuri tal-Appostli huma l-Papa u l-____________________.

**Fisser dan il-kliem.** *(8 marki)*

4. Il-Moviment Ekumeniku: ______________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Il-Kolleġġjalità: ______________________________________________________

______________________________________________________________________

6. L-Infallibbiltà: ______________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Iċ-Ċelibat: ______________________________________________________

______________________________________________________________________

8. Semmi **żewġ** ħidmiet li Ġesù ta lill-Appostli.

(a)____________________________________________________________ *(marka)*

(b)____________________________________________________________ *(marka)*

9. Ma nistgħux ngħidu: "Kristu iva, Knisja le". Spjega din il-frażi.

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ *(2 marki)*



**TAQSIMA F** **(12-il marka)**

**IL-QRAR U T-TQARBIN**

**Kompli dawn is-sentenzi.** *(4 marki)*

1. Isem ieħor għas-Sagrament tal-Qrar hu s-Sagrament tar-**R**____________________.

2. Ġesù ħafer lil **Ż**____________________ wara li dan wera li ser jibdel ħajtu.

3. Qabel ma' sar appostlu, **M**____________________ kien pubblikan.

4. Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Qrar dakinhar li **r**____________________.

**Wieġeb.**

5. Semmi kif Ġesù kien juri interess speċjali fil-midinbin.

____________________________________________________________________________

__________________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Semmi **żewġ** modi kif nistgħu nippreparaw ruħna sew għas-sagrament tal-Qrar.

(a) ______________________________________________________________ *(marka)*

(b) ______________________________________________________________ *(marka)*

7. F'liema **żewġ** partijiet tinqasam il-quddiesa?

(a) ______________________________________________________________ *(marka)*

(b) ______________________________________________________________ *(marka)*

8. Bħala Nisrani/ja, x'għandu jkun l-atteġġjament tiegħek waqt il-quddiesa?

____________________________________________________________________________

__________________________________________________________________ *(2 marki)*



**TAQSIMA G** **(20 marka)**

Wieġeb, fuq karta separata, mistoqsija **waħda** minn dawn li ġejjin **(1, 2 JEW 3)**. It-tweġiba trid tkun ta' madwar **250** kelma.

**1. "L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla." (2 Tim. 3, 16)**

(a) X'nifhmu meta ngħidu li l-Bibbja hija ispirata? *(6 marki)*

(b) Il-Bibbja hija ktieb bla żbalji. F'liema sens nistgħu ngħidu dan? *(6 marki)*

(c) Fl-interpretazzjoni tal-Kotba Mqaddsa, għaliex hu importanti għalina li nkunu ggwidati mit-tagħlim tal-Knisja? *(8 marki)*

**2. "Dan ikun ismi għal dejjem u dan l-isem ifakkarkom fija." (Eż 3, 15)**

(a) Irrakkonta l-ġrajja meta Alla sejjaħ lil Mosè fuq il-muntanja Ħoreb. *(6 marki)*

(b) Semmi żewġ tagħlimiet li jrid jgħallimna l-Ktieb tal-Eżodu dwar Alla u dwar ir-relazzjoni tiegħu mal-poplu Lhudi. *(6 marki)*

(c) X'kien il-patt li Alla għamel mal-poplu Lhudi?
Kif il-poplu kiser dan il-patt? *(8 marki)*

**3. Il-Knisja hija l-Ġisem Mistiku ta' Kristu.**

(a) Semmi **żewġ** kwalitajiet tal-Knisja li nsemmu fil-Kredu u spjegahom. *(6 marki)*

(b) Irrakkonta u fisser parabbola **waħda** li qal Ġesù dwar il-Knisja. *(6 marki)*

(c) Fil-Knisja nsibu ħafna membri. Semmi tliet rwoli differenti fil-Knisja u spjega kif inti tista' tagħti s-sehem tiegħek fil-Knisja. *(8 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**